**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' April, 2016

Rikors numru : 89/2016 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz taghha ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Frar 2005 (certifkat anness Dok. A,) minn liema zwieg ma kellhomx tfal, u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr. Dorita Galea Medati tal-12 ta' Frar 2014; kopja awtentikata tal-kuntratt qed tigi hawn annessa u mehmuza bhala Dok. B;

2. Illi l-esponent jixtieq illi z-zwieg imsemmi jigi mahlul u jiddikjara :
   a. Illi ghaddew iktar minn erba` snin minn meta l-partijiet isseparaw *de facto*, u qatt ma kien hemm ebda rikonciljazzjoni fil-frattemp;

b. Illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
c. Illi ma hemm ebda arrettrati ta' manteniment dovuti, minn ebda naha;

3. Illi ghaldaqstant jissussistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dina l-Qorti tholl iz-zwieg imsemmii u taghti digriet ta' divorzju skont il-ligi.

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

> Tholl iz-zwieg tieghu mal-intimata u tiddikjara divorzju skont il-ligi kif ukoll sabiex dina l-qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Frar, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentat risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Frar 2014 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Ft. Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur